

32007R0321

L 84/34

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

24.3.2007

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 321/2007****tat-23 ta' Marzu 2007**

**li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 396/92 li jirrigwarda l-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (¹), u b'mod parti-kolari l-Artiklu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Fir-4 punt ta' l-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 396/92 (²), ċerti vetturi bit-trejler ċatt u rrinfurzat li jista' jitmejjel b'mezzi idrawliċi kienu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-Kodiċi NM 8704 31 91. Skond dan l-istess punt, il-versatilità u l-binja kkomplikata ta' dan it-trejler li jista' jitmejjel ma jħallux dan l-oġġett jitqies bħala dumper kopert bil-Kodiċi tan-NM 8704 10.
- (2) Fis-sentenza tagħha fil-każ C-396/02 (³), il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej iddeċidiet li l-fatt li l-vettura bit-trejler ċatt hija mgħammra b'funzjoni ta' tmejjil (tipping) versatili, ikkumplikata u preċiża ma teskludix il-klassifikazzjoni tagħha bħala dumper fi ħdan it-tifsira tas-subtitlu 8704 10 tan-Nomenklatura Magħquda.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Marzu 2007.

*Għall-Kummissjoni*

László KOVÁCS

*Membru tal-Kummissjoni*

(¹) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 129/2007 (ĠU L 56, 23.2.2007, p. 1).

(²) ĠU L 44, 20.2.1992, p. 9. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 705/2005 (ĠU L 118, 5.5.2005, p. 18).

(³) Is-Sentenza fis-16 ta' Settembru 2004, il-każ C-396/02, [2004] ECR I-8439.

(3) Minħabba li l-miżura ta' din il-klassifikazzjoni stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 396/92 ma taqbilx mas-sentenza tal-Qorti li sabet li punt 4 huwa ħażin, dan ir-Regolament għandu jkun emendat b'tali mod li dan jikklassifika l-vetturi li jistgħu jitmejjlu b'mezzi idrawliċi taħt il-kodiċi NM 8704 31. Għalhekk huwa xieraq li jitħassar punt 4 u jkun revokat mill-10 ta' Marzu 1992.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artiklu 1*

Il-punt 4 ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 396/92 huwa mħassar.

*Artiklu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikkazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan japplika mill-10 ta' Marzu 1992.